# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 54

12 ta' Settembru 2022

L-erbgħa u ħamsin (54) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2022 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

54.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

54.1.1. Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

54.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

54.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tat-tlieta u ħamsin (53) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

54.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, JAE, VB, JP, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

54.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.2.6 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-pots ta' ħdejn il-knisja. Huwa ssuġġerixxa li dawn jitneħħew minħabba li jistgħu ikunu perikolużi peress li huma miksura. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista' jsir.

54.2.3.1. Is-Sindku VB reġa' sostna li l-Kunsill kien qed iħallas kuntrattur u li kienet responsabbiltà tiegħu li jieħu ħsieb il-pjanti ta' madwar il-lokalità.

54.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.2.7 u staqsa jekk kienx hemm risposta fuq il-ħaddiema li l-Kunsill kien qed jistenna biex jagħmlu x-xogħol fi Triq Vilhena. Is-SE qal li kien ikkuntattja lill-Works Department u ntlaħaq ftehim sabiex ix-xogħol isir minnhom filwaqt li l-materjal jitħallas mil-Kunsill.

54.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.2.7 dwar is-sinjal tal-isem tat-triq fi Triq Macerata u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE qal li dan is-sinjal kien ġie ordnat imma għadu ma wasalx.

54.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.3.14.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq il-laqgħa mal-MTA dwar l attivitajiet li saru fuq il-Fosos. Is-Sindku VB qal li l-Kunsill għandu jiltaqa' magħhom ukoll dwar l-edizzjoni li jmiss tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

54.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.2.14 u staqsa jekk kienx hemm żviluppi fuq Ġnien il-Mall.

54.2.7.1. Is-SE nforma li l-aħħar li staqsa lil GHRC kienu nformawh li x-xogħol min-naħa tagħhom kien tlesta u li kienu qed jistennew li jingħata s-servizz mill-Enemalta.

54.2.7.2. Is-Sindku qal li jidher li l-ftuħ uffiċjali tal-ġnien kien ser isir mill-Ministru Aaron Farrugia. Huwa semma wkoll li l-irħama ta' Ninu Zammit ma kienitx ser titwaħħal fejn kienet imma f'post iktar fil-ġenb ħalli tingħata prominenza lit-tabella tar-riġenerazzjoni tal-ġnien kif inhu issa.

54.2.7.3. Il-Kunsillier AD informa lill-Kunsill li kien ħa nota sabiex jiċċekkja f'idejn min kienet din il-kwistjoni sabiex ikun jista' jassigura li s-servizz tad-dawl jingħata mill-aktar fis possibbli.

54.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.5.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-ftuħ tal-ispralli. Is-SE nforma li l-kuntrattur kien informah li diġà kien beda' jiftaħ l-ispralli u li kien ser ikompli b'dan ix-xogħol il-ġimgħa ta' wara.

54.2.9. Il-Kunsillier JAE fakkar fiż-żewġ spralli miżduda li hemm ħdejn il-Kurja. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jkellem lill-kuntrattur u jara x'jista' jsir f'dan ir-rigward kif ukoll isir assessjar dwar l-estremita' tal-ħsara.

54.2.10. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 53.5.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-kwistjoni tal-Fosos.

54.2.10.1. Is-SE nforma li kienu ltaqgħu mal-avukat tal-Kunsill fejn ġiet diskussa l-materja.

54.2.10.2. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill għandu jiddiskuti r-responsabbiltà tal-Fosos minħabba li legalment ma jappartjenix lill-Kunsill, iżda l-Kunsill xorta kien qed jassorbi l-ispejjeż. Huwa kompla billi qal li anke l-art tal-Fosos kienet niżlet.

54.2.10.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun li jkun hemm entità responsabbli mill-Fosos li jkollha r-riżorsi suffiċjenti biex tkun tista' tassigura ż-żamma xierqa tiegħu. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici sabiex tiġi diskussa din il-materja. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jiltaqa' mal-Avukat sabiex ikun jista' jiġi gwidat b'mod xieraq.

## 54.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

54.3.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ressaq korrispondenza mingħand il-Vikings Sailing Club li nformaw li kienu ser jorganizzaw attività nhar is-Sibt 8 u l-Ħadd 9 t'Ottubru 2022. Huma talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom sinjali tan-no parking għall-matul il-jiem tal-attività. Huma talbu wkoll konċessjoni fuq il-miżata tas-sinjali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

54.3.1.1. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-attività tiġi inkluża fil-programm tal-attività ta' Ġenna ta' Ġonna ġaladarba parti mill-attività kienet ser taħbat dakinhar. Il-Kunsill qabel li għandu jitlobhom il-programm tagħhom u jitkellem magħhom sabiex jaraw kif jistgħu jikkollaboraw.

54.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Young Stars Hockey Club fejn offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza l-presentation night konġuntament magħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

54.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn irringrazzjaw lill-Kunsill għall-kontribut tiegħu matul l-attività li ġiet organizzata konġuntament mal-Kunsill.

54.3.3.1. Huma komplew billi kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-Clean up Day kif ukoll f'Ġenna ta' Ġonna.

54.3.3.2. Is-Sindku kompla billi qal li kienu ser jorganizzaw xi attivitajiet oħra matul dak ix-xahar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jinformaw lill-entitajiet responsabbli.

54.3.3.3. Is-Sindku nforma wkoll li kienu ser jorganizzaw Clean Up day huma nhar l-1 t'Ottubru 2022 u talbu lill-Kunsill sabiex jislifhom xi materjal u għodda relatati mat-tindif. Huma talbu wkoll li ssir laqgħa flimkien mal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jitkellem magħhom.

54.3.3.4. Il-Kunsilliera SSH informat lill-Kunsill li sfortunatament ma kienitx ser tkun tista' tipparteċipa fil-Clean up Day li ser tiġi organizzata mill-Kunsill minħabba li kienet ser tkun imsiefra.

## 54.4 RAPPORTI

54.4.1. Il-Viċi Sindku AD ressaq ir-rapport tiegħu li kien bagħat permezz ta' email fir-rigward taż-żjara li kellu f'Macerata.

54.4.2. Il-Kunsillier JAE ressaq ukoll ir-rapport tiegħu dwar l-istess żjara.

54.4.3. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-kunsilli jingħaqdu sabiex jiddiskutu problemi u sfidi komuni u tinqasam l-informazzjoni permezz anke ta' skambjament tar-riċerki tal-Kunsill. Huwa qal li dan seta' jsir online.

54.4.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien stidinhom għal April u li jixtieq li jsir xi ħaġa simili.

54.4.5. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jara jekk hux eliġibbli għal xi fondi relatati mal-ġemellaġġi. Huwa kompla billi ppropona li l-Kunsill jinforma li kien interessat li ssir kampanja online.

54.4.6. Is-Sindku qal li dan seta' jsir meta jkunu Malta u forsi jkunu mistednin xi nies esperti għad-dibattitu.

54.4.7. Is-Sindku VB qal li kien informat li wħud mil-membri tad-delegazzjoni tal-Kunsill kienu tellgħu magħhom lin-nisa tagħhom. Huwa qal li dan ma kienx aċċettabbli għalih ladarba l-invit kien għal erba' persuni mill-Kunsill u mhux għal sitta.

54.4.7.1. Is-SE kjarifika li l-Kunsill kien għamel kuntatt magħhom u staqsa qabel, jekk setgħux jattendu n-nisa tagħhom u jekk din kienitx ser toħloq problema. Huwa kompla billi qal li l-ispejjeż kollha relatati man-nisa tad-delegati kienu ġew imħallsa minnhom personali u ma kienux ġew assorbiti la mill-Kunsill u lanqas mill-Comune di Macerata.

54.4.7.2. Is-Sindku qal li hu xorta waħda jħoss li nħolqot impożizzjoni fuqhom. Huwa qal li meta mar hu, kienu jmorru bil-karozza u mhux permezz tal-ferrovija.

54.4.7.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li fil-passat, kien hemm diġà membri tal-Kunsill li kienu siefru bħala delegazzjoni u ħadu magħhom familjari.

54.4.7.4. Is-Sindku qal li hu ma kienx informat b'dan u li meta fil-passat kien staqsa, kien informat li l-invit kien għall-membri u uffiċjali tal-Kunsill biss.

54.4.7.5. Huwa kompla billi qal li minkejja dan, hu ma kienx informat li kienu ser jattendu familjari mad-delegazzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku AD skuża ruħu li ma nformahx b'dan.

## 54.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

54.5.1. Il-Viċi Sindku AD staqsa jekk il-Kunsill iħallasx il-gwardjani lokali li jkun hemm fil-lokalità. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal li l-gwardjani lokali jitħallsu mil-Kunsill biss meta jkun ordnat servizz addizzjonali.

54.5.2. Il-Viċi Sindku AD staqsa jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni li jinbidlu r-rifletturi tal-fanali ta' Triq Sarria, man-naħa ta' Ġnien il-Mall. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

54.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna u ppropona li jintbagħat avviż lir-residenti dwar din l-attività u li jkun jinkludi wkoll informazzjoni oħra rigward il-ġbir ta' skart, eċċ. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

54.5.4. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar ix-xogħol li hemm bżonn li jsir taħt il-loġoġ.

54.5.4.1. Is-Sindku VB qal li sfortunatament m'għadekx issib dak il-madum li ntuża taħt il-loġoġ.

54.5.4.2. Is-SE qal li hu kien ikkomunika mal-Enemalta minħabba li x-xogħol sar minnhom u kien talabhom jikkomunikaw mal-kuntrattur tagħhom sabiex

ineħħi l-injam li ħalla kif ukoll biex jagħmel it-tiswijiet neċessarji. Huwa qal li wara li ra li baqa' ma sar xejn, kien għadda kopja tal-korrispondenza lill-Ministeru kif ukoll lill-Ministru nnifsu.

54.5.4.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi kienet tkellmet ma' xi ħadd mill-Ministeru li nformaha li kellhom jiġu jiċċekkjaw l-affarijiet.

54.5.4.4. Is-SE qal li kien anke għadda email mingħand persuna li kellha aċċident minħabba dan l-inkonvenjent.

54.5.4.5. Il-Viċi Sindku AD qal li kien kellem lill-inġinier mill-ewwel iżda għandu jerġa' jkellmu sabiex jara għalfejn għadu ma sar xejn f'dan ir-rigward.

54.5.5. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm xi risposta mingħand l-Awtorità tad-Djar dwar il-gallariji fi Triq Sarria. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien avża lill-Pulizija u kienu huma li jridu jsibu lin-nies minħabba li l-Kunsill ma kellux aċċess għal din l-informazzjoni.

54.5.6. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx hemm risposta dwar l-isem ta' Triq Toni Zarb. Is-SE qal li l-Kunsill kien ressaq l-applikazzjoni quddiem l-iStreet Naming Commitee iżda s'issa kien għad m'hemmx risposta.

54.5.7. Il-Kunsilliera SSH qalet li tinsab informata li l-ħaddiema tal-Kunsill tal-Belt Valletta kienu qed jaħslu l-karozza tagħhom fil-funtana tat-Torri ta' Wignacourt. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Kunsill tal-Belt Valletta sabiex jiġbed l-attenzjoni dwar dan.

54.5.8. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li jsir tindif maġenb il-cat cafes li hemm ħdejn il-masġar ta' quddiem id-Dar tal-Kunsill.

54.5.8.1. Is-Sindku qal li fil-Clean Up day kien ser isir it-tindif ta' Pjazza Sir Luigi Preziosi imma l-Kunsill kien irċieva korrispondenza li kien ser jibda' xi xogħol f'din it-triq u għalhekk ma kienx jagħmel sens li jsir it-tindif ta' din iż-żona. Il-Kunsill qabel li jsir it-tindif tal-ġnien u li tiġi nkluża wkoll iż-żona ta' ħdejn il-cat cafes.

54.5.8.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm informazzjoni dwar kemm se jdum dan ix-xogħol minħabba li dan kien ser ikerrah il-madwar speċjalment in viżta li dalwaqt kienet ser tkun organizzata l-attività ta' Ġenna ta' Ġonna.

54.5.8.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jikkorrispondi ma' min hu konċernat dwar dan.

54.5.9. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk hux ser jerġgħu isiru l-bollards u r-railings fi Ġnien il-Mall. Is-Sindku qal li dawn għandhom jerġgħu isiru u ser ikun hemm uħud minnhom li ser ikunu jistgħu jinqalgħu.

54.5.9.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk jistax isir railing bħalma kien hemm ħdejn dawk it-targiet. Is-Sindku qal li kien ser isir railing hemmhekk bħalma kien hemm.

54.5.10. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx ser jitkompla l-ħasil tal-bankini. Is-Sindku qal li l-ħasil kien tlesta kollu.

54.5.10.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li kien hemm xi toroq, bħal Trejqet Macerata, li ma kienux saru. Hija qalet ukoll li hemm bżonn li meta jsir il-ħasil tat-toroq, ikun hemm xi ħadd li jimpala l-ħmieġ li jinqala' u jiġbru.

54.5.10.2. Il-Kunsilliera SSH qalet ukoll li għandha tingħata importanza lit-toroq li jkunu affettwati sew mil-ħmieġ tal-ħamiem.

54.5.10.3. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema tal-ħamiem u l-inizjattiva li kienet ser tieħu l-AKL f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li l-eżerċizzju min-naħa tagħhom kien beda' u għadu għaddej, biss il-proċess jieħu ż-żmien.

54.5.10.4. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-Kunsill jissussidja lifters lir-residenti li jkunu jixtiequ jinstallaw spikes mal-ħitan tar-residenzi tagħhom. Is-Sindku qal li din tiġi tiswa' lill-Kunsill spiża sostanzjali.

54.5.11. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li ssir tabella ħdejn l-appartamenti tal-Housing li tindika n-numri tal-bibien. Il-Kunsill qabel u qabel li t-tabella għandha teħel ħdejn l-entratura tal-garaxx tal-health centre.

54.5.12. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-art li hemm quddiem Blokk 5 u qalet li kien hemm bżonn titranġa minħabba li kienet qed tisfronda.

54.5.12.1. Is-Sindku qal li din kienet responsabbiltà tal-Awtorità tad-Djar.

54.5.12.2. Is-SE qal li l-art qegħda tisfronda minħabba l-lifters li jidħlu. Huwa qal li taħt kien ramel u għalhekk ma kienx jiflaħ għall-piż.

54.5.12.3. Il-Kunsilliera SSH qalet li għandha tieħu ħsieb titkellem ma' xi ħadd sabiex tara x'jista' jsir.

54.5.13. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li l-Kunsill jikteb lill-Health Centre kif ukoll lill-Mental Health Centre sabiex ma jkomplux joħorġu l-boroż tar-riċiklaġġ minn filgħaxija. Hija qalet li kellha r-ritratti bħala prova. Is-SE qal li ladarba hemm ir-ritratti, dawn għandhom jintbagħatu lill-Pulizija mill-ewwel appena jittieħdu sabiex tittieħed azzjoni immedjata.

54.5.14. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet avviċinata mill-Għaqda tar-Romol li talbu lill-Kunsill jissussidja l-kirja tas-sala tad-Dar tal-Kunsill.

54.5.14.1. Is-SE qal li l-Kunsill ma kienx f'pożizzjoni li jagħti sussidju lil kull għaqda volontarja fuq il-prezz tal-kirja għax ma jkollhomx fejn jiltaqgħu.

54.5.14.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li huma kienu lesti jħallsu għall-ispejjeż ta’ min jiftaħ u jagħlaq.

54.5.14.3. Is-SE qal li apparti din l-ispiża kien hemm spejjeż oħrajn bħal tindif u dawl u ilma. Huwa qal li jekk il-Kunsill jippermetti dan darba, kien ser jinħoloq preċedent. Huwa żied jistaqsi fuq liema bażi kien ser jiddeċiedi l-Kunsill lil min jissussidja jew le.

54.5.15. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li l-kunsillieri jingħataw xi leaflets b’informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jitqassmu fejn jiġi nnutat abbuż. Is-SE qal li l-Kunsill irid joqgħod attent li ma jiġix f’sitwazzjoni fejn ikun qed jakkuża ġaladarba ma jkollux provi suffiċjenti. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel mal-proposta tal-Kunsilliera SSH li għandu jitqassam il-leaflet li jinkludi l-iskeda tal-ġbir tal-iskart flimkien ma’ nota lir-residenti.

54.5.16. Il-Kunsilliera SSH qalet li hemm bżonn li jinqata’ l-ħaxix minn ħdejn l-AGFA. Is-Sindku VB qal li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex dan il-ħaxix jinqata’.

54.5.17. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għal culvert fi Triq Sant’Anna, man-naħa tal-Fsobians u pproponiet li dan isir tal-ħadid sabiex ikun iktar b’saħħtu. Il-Kunsill qabel.

54.5.18. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill jistax jitlob lill-kuntrattur ritratti tal-culverts meta jkunu saru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

54.5.19. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-Pjazza Papa Ġwanni XXIII u qalet li kienet kellmet lil xi ħadd li nformaha li s-sitwazzjoni preżenti kienet ir-riżultat ta’ cable fault li għandu jiġi rranġat sal-aħħar tal-ġimgħa.

## 54.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA’ KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

54.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta’ kumitati u/jew sottokumitati.

## 54.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA’ PAGAMENTI

54.7.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 40/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

54.7.1.1. Is-Sindku VB staqsa fuq l-onorarja u l-allowance li jirċievi u li tinsab imniżżla fl-iskeda. Kien hemm spjega ta’ kif jinħadem u minn xiex jikkonsisti l-ammont imniżżel fl-iskeda.

54.7.1.2. Is-Sindku VB għamel riferenza għall-pagament dovut lill-Contracts Manager u qal li l-Kunsill kien qed iħallas somma sostanzjali iżda ma kienx qed jieħu lura r-ritorn mistenni.

54.7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 54.8 MOZZJONIJIET

54.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 54.9 ĠENNA TA' ĠONNA

54.9.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-mewt tar-Reġina Eliżabetta u ppropona li għall-attività ta' Ġenna ta' Ġonna, jinġabru ritratti tar-Reġina fil-Floriana biex jiġu esibiti f'wirja matul l-attività. Il-Kunsill qabel.

54.9.2. Il-Kunsillier JAE ppropona li ssir xibka li fiha jinġabru l-fliexken tal-plastik u li tiġi installata x'imkien ċentrali. Il-Kunsill qabel.

54.9.3. Il-Kunsillier JAE ppropona li jsir re-enactment ta' żmien medjevali. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jikkuntattja lill-grupp konċernat.

## 54.10 IS-SERVIZZ TAL-VETTURA ELETTRIKA

54.10.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li kien ġabar il-punti kollha li ntbagħtu mill-kunsilliera fir-rigward ta' dan is-servizz.

54.10.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li tingħata prijorità lil appuntamenti mediċi u xiri t'affarijiet essenzjali. Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm sistema ta' booking fejn persuna tibbukkja minn tal-anqas jumejn qabel sabiex il-Kunsill ikun jista' jkollu biżżejjed ħin sabiex jippjana u jkun jista' jikkonferma s-servizz. Bħala regola ġenerali min juża s-servizz għandu jagħmel dan waħdu u mingħajr ma jkun akkumpanjat minn xi ħaddieħor u dan sabiex ikun massimizzat is-servizz. Il-ħinijiet tas-servizz għandhom ikunu kemm jista' jkun flessibbli sabiex jakkomodaw il-bżonn ta' min ikun ser juża s-servizz.

**Nota: 16:37 Il-laqgħa ġiet sospiża sakemm il-Kunsill irrisolva ruħu f'kumitat**
**16:43 Il-laqgħa tkompliet.**

## 54.11 TENDER TAL-KNIS TAT-TOROQ

54.11.1. Is-SE informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-knis tat-toroq kien ser jagħlaq u għalhekk talab lill-kunsillieri sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom sal-aħħar tal-ġimgħa sabiex ikun jista' jemenda s-sejħa għall-offerti li jmiss.

## 54.12 INFORMAZZJONI DWAR CCTVS

54.12.1. Is-SE talab approvazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għall-proġett mal-Ministeru biex isir landscaping fi Ġnien Vilhena. Huwa qal li l-materjal għall-applikazzjoni kien diġà lest minħabba li ser jintuża l-istess materjal minn applikazzjoni li l-Kunsill kien diġà ssottometta iżda ma kinitx ġiet aċċettata.

54.12.2. Is-SE qal li hemm skema oħra fejn il-kunsilli jistgħu jibbenefikaw sa massimu ta' €100,000 u qal li l-periti kienu qed jissuġġerixxu li l-Kunsill japplika biex parti minn Triq l-Isqof Mauro Caruana issir pedestrian area, anke kif mitlub minn xi residenti preċedentement. Il-Kunsill qabel.

54.12.3. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li ssir it-triq kollha bil-ġebla vulkanika. Is-SE qal li għandu jitkellem mal-Perit sabiex jara jekk dan hux possibbli.

54.12.4. Is-SE qal li kien ikkuntattja diversi kuntratturi dwar is-CCTV cameras u qal li hemm diversi alternattivi. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li l-materja għandha titpoġġa fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss sabiex il-kunsillieri jilħqu jidentifikaw postijiet fejn hemm bżonn ta' CCTV cameras.

## 54.13 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

54.13.1. Il-laqgħa intemmet fil-5.00pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 12 ta' Ottubru 2022 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 12 ta' Ottubru 2022**

| | |
|---|---|
| **(iffirmati)** | **(iffirmati)** |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |